KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 47

**Il-Ħamis 29 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 47.1 Qari tal-Apoloġiji

47.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 45 u 46

47.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

47.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 45 u 46 ġew approvati b’mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 47.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

47.3.1 Is-Sindku informa li bħala Reġjun Tramuntana qablu li jallokaw €5000 għal kull kunsill biex jintużaw bħala parti mill-persentaġġ li kull Kunsill ikollu joħroġ bħala ko-finanzjament għall-iskemi tal-gvern li jkun irnexxielu jirbaħ.

47.3.2 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-offerti tal-ġbir ta’ skart mir-Reġjuni, il-mandat li kienu għamlu l-offerenti kien waqa’ u għaldaqstant kienu bdew jiġu evalwati l-offerti. Hawnhekk is-SE infurmat li hija kienet intagħżlet bħala waħda mill-evalwaturi għall-offerta tar-Reġjun tal-Punent.

47.3.3 Is-Sindku informa li l-AKL kienet iffirmat ftehim mal-Korporazzjoni tal-Enemalta sabiex jieħdu f’idejhom id-dawl madwar Malta kollha. Skont informazzjoni li għandu, l-Enemalta kienet ħadet fondi mill-UE biex taqleb il-bozoz kollha ta’ Malta għal LED’s u kien se jibda jitħaddem ftehim ta’ ħames snin. Il-Kunsill qabel li fil-każ tal-lokalità tal-Imtarfa żgur li din tista’ tkun benefiċċjali minħabba li fil-preżent hemm għadd kbir ta’ *floodlights u decorative poles* li sfortunament qed jiswew ħafna flus minħabba li m’hemmx garanziji fuqhom.

47.3.4 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Dr Attard. Il-ħin kien is-6:00pm.

47.3.5 Is-Sindku informa li kellu konferma lura min-naħa tas-CEO tal-Enemalta dwar il-każ tad-dawl ta’ fuq wara ta’ Triq Gregorio Carafa fejn kien ikkonfermalu li se jieħdu ħsiebu.

47.3.6 Is-Sindku informa li bħalma wieħed seta’ jara fuq il-midja, l-Imdina Grand Prix ma kinitx se tiġi organizzata. Fuq talba tagħhom, kien hemm qbil li ssir laqgħa biex tiġi diskussa l-possibbiltà li t-tiġrija ssir is-sena d-dieħla. Kien hemm qbil li se jissejħu jattendu għal wara s-Seduta li jmiss.

47.3.7 Is-Sindku fakkar lis-SE biex issir applikazzjoni biex tiddawwal iż-żona żgħira bejn Triq Dar il-Kaptan u Triq il-Konti Salvatore Manduca bil-fondi tad-DPF.

## 47.4 Offerta MTFLC/T/002/2022 – *Tender for the installation of mechanical and electrical (M&E) Services at the Mtarfa Visitors Centre (re-issue)*

47.4.1 Is-SE infurmat li kienet għadha għaddejja l-evalwazzjoni ta' din l-offerta u li għad m'għandhiex ir-rapport finali mill-bord tal-evalwazzjoni.

47.4.2 Kien hemm qbil li ssir laqgħa l-Ħamis li ġej biex titkompla l-evalwazzjoni.

## 47.5 Proposta għal *Service Maintenance Agreement* – Sistemi tal-irrigazzjoni

47.5.1 Is-SE infurmat li kienet talbet kwotazzjoni lill-Kumpanija li ħadet ħsieb l-installazzjoni tas-sistemi tal-irrigazzjoni fil-bosk, fi Ġnien is-Sinjura u fi Triq il-Gladjoli sabiex ikun hemm persuna teknika li perjodikament tiċċekkja li s-sistemi għadhom qed jitħaddmu.

47.5.2 Is-SE qalet li dawn kienu lesti li jidħlu għal ftehim għal €55 (+VAT) għal kull żjara. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jikkunsidra li jkun hemm imqar 3 żjarat f'sena bejn Mejju u Ottubru sabiex nassiguraw li s-sistemi jibqgħu joperaw. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

## 47.6 Akkumulu ta' VL għall-impjegati tal-Kunsill

47.6.1 Is-SE għaddiet 2 talbiet għal akkumulu ta' VL għas-sena 2023 mingħand żewġ skrivani. Il-Kunsill approva.

47.6.2 Hija infurmat ukoll li din is-sena reġgħet kienet waħda fejn hi spiċċat ma tistax tagħmel użu mill-VL minħabba li għamlet 4 xhur mingħajr ebda skrivan full-time. Għaldaqstant, għalkemm xorta waħda kien se jkun diffiċli li tuża s-sigħat kollha li jifdal matul din is-sena, talbet li għallanqas takkumula 112 siegħa għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva filwaqt li infurmaha li kemm-il darba tixtieq, huma kienu lesti li japprovaw li dan in-numru ta' sigħat akkumulati jkunu ikbar. Min-naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill imma kienet se tgħaddi l-ittra bil-112 siegħa.

## 47.7 Kwotazzjoni għal dekorazzjonijiet tat-toroq fi żmien il-Milied

47.7.1 Is-Sindku informa li r-Reġjun Tramuntana kien se jgħaddi s-somma ta' €4000 lil kull Kunsill Lokali biex jintużaw fuq dekorazzjonijiet tal-Milied għas-sena 2023.

47.7.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li jinġabu l-kwotazzjonijiet.

## 47.8 Kwotazzjonijiet għal Xiri ta' għamara u xogħol ta' *landscaping* fi Triq il-Gladjoli

47.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet numru ta' kwotazzjonijiet li jwasslu taħt il-€5000 u għaldaqstant minflok tinħareġ offerta, kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, setgħet tmexxi b'*direct order* biex tinxtara l-għamara għaż-żona ta' Triq il-Gladjoli u biex isir ix-xogħol neċessarju ta' *landscaping* skont il-proġett li ġie preżentat fl-applikazzjoni li ddaħħlet lid-DLG.

47.8.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u talab lis-SE tmexxi bil-kwotazzjonijiet li kellha biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda bla dewmien.

47.8.3 Is-SE infurmat ukoll li kienet għamlet kuntatt mad-DG biex tara fiex wasal ix-xogħol ta' pavimentar fl-istess żona imma kienet għadha bla ebda risposta.

47.8.4 Hija infurmat li kienet bagħtet ukoll kommunikazzjoni dwar il-proġett tal-pjazza minħabba li kien għadda ħafna żmien u ma reġgħetx inħarġet l-offerta, iżda din ukoll baqgħat mhux imwieġba.

## 47.9 Proposta għal tisbiħ fi Triq is-27 ta' April

47.9.1 Is-SE infurmat li xi xhur qabel, hi u s-Sindku kienu marru fi Triq is-27 ta' April flimkien ma' rappreżentanti ta' Parks biex dawn jgħinu fi proġett ta' afforestazzjoni ta' din iż-żona.

47.9.2 Min-naħa tagħhom talbu lill-Kunsill sabiex iġib l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Artijiet biex ikunu jistgħu jikkunsidraw dan il-proġett.

47.9.3 Hija infurmat li wara li għamlet indaġini dwar x'hemm bżonn, ġiet mitluba tgħaddi informazzjoni lid-DLG dwar jekk il-Kunsill huwiex interessat li sempliċiment jagħmel tisbiħ jew inkella jixtieqx li tiddaħħal applikazzjoni għal devoluzzjoni tal-art.

47.9.4 Wara diskussjoni kien hemm qbil li mmorru biss għal tisbiħ.

47.9.5 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard issuġġerixxa lis-Sindku biex jipprova jagħfas lil min hu kkonċernat biex ikun hemm passaġġ bejn Pjazza San Oswald u l-ġnien ta' Triq is-27 ta' April.

## 47.10 Proposta għal *Skate Park* fl-Imtarfa

47.10.1 Is-Sindku talab li tiġi sospiża l-laqgħa b'mod temporanju sabiex ikun jista' jitkellem rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tal-Malta Skate Parks fir-rigward ta' proposta għal *skate park* fl-Imtarfa.

47.10.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li qed jikkunsidra li jsir skate park fil-parti ta' ġewwa nett tal-bosk fil-prinċipju sakemm ikun hemm aċċess apposta għalihom min-naħa tal-Aġenzija Sapport u mhux mill-entratura prinċipali tal-bosk; l-iskate park ikun distint mill-proġett tal-bosk; l-interventi kollha li jsiru jkunu riversibbli u jkun hemm konferma li qed jintużaw biss

riżorsi li huma *environmentally friendly*; ikollu aspett viżwal sabiħ; li jkun hemm afforestazzjoni fil-madwar biex inaqqas l-impatt ta' dawl u storbju u li jingħalaq sal-10pm.

Meta mistoqsi, ir-rappreżentant li attenda kien informa li ż-żona kienet se tokkupa 500sqm.

Wara li l-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li hu ma kienx konvint minn din il-proposta kemm minħabba l-lat ambjentali kif ukoll minħabba l-problema ta' aktar parkeġġ u/jew traffiku f'din iż-żona. Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-Aġenzija Sapport biex minbarra li jsir passaġġ magħluq fuq il-ġenb tat-triq li jagħti direttament mill-pjazzetta għal ġol-iskate park, issir talba ulterjuri biex il-parkeġġ tad-Day Centre jibda jitħalla miftuħ biex jintuża mir-residenti tal-madwar. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

## 47.11 Punti Oħra

47.11.1 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal konferenza stampa li organizzaw ir-Reġjun Tramuntana fejn kull lokalità fi ħdanu se tibbenefika minn €2500 f'kotba jew apparat ta' tisbiħ. Hija infurmat li kienet se tiddiskuti mal-librara biex tara x'inhuma l-prioritajiet tagħha.

47.11.2 Is-SE infurmat li l-assikurazzjoni tal-Kunsill kienet waslet biex tiskadi u għaldaqstant talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tiġġedded. Il-Kunsill qabel.

47.11.3 Il-Kunsillier Dr Attard ġibed l-attenzjoni tas-Sindku biex meta jkun hemm ċans li l-Kunsill ikun rappreżentat barra minn Malta bħala parti mir-Reġjun u s-Sindku ma jkunx jista' jattendi, għandu jingħata ċans li minfloku jmur ħaddieħor, dejjem biex ikun hemm rappreżentanza mill-Imtarfa. Il-Kunsill qabel.

47.11.4 Is-SE għamlet riferenza għaċ-ċirkulari SPI/SCI/09/2022 li dwarha kienet saret kommunikazzjoni interna permezz tal-email bejn il-Kunsilliera fejn kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal sett ta' pannelli fotovoltajiċi għal fuq il-bejt tal-Kunsill. Is-SE għandha tagħmel kuntatt mal-periti u l-inġinera tal-kunsill sabiex tinġab id-dokumetazzjoni meħtieġa biex tiddaħħal l-applikazzjoni. Sadanittant, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għall-15% tal-proġett fejn dan l-ammont kofinanzjat mill-Kunsill m'għandux jeċċedi l-€5,000.

## 47.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

47.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 09/2022), kopja tagħha mehmuża.

47.12.2 Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 47.13 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

47.13.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Ottubru 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |